

PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI LI JFAKKRU L-150 SENA MILL-MIĠJA

TA' L-ISTATWA TA' SANTA MARIJA ĠEWWA L-IMQABBA 1836-1986

# GĦAL XOGĦOL PROFESSJONALI TA' FOTOGRAFIJA



## L-OFFERTA TAS-SENA

OXFORD PHOTO STUDIO javza
li min jibbukkja t-tieg, engagement jew xi attivita' socjali ohra,
ikun qed jiehu sehem f'lotterija li tista' trebbhu l-Honeymoon
jew vaganza ghal tnejn min nies fl-Ewropa fejn tmur l-AIRMALTA.

Għal aktar informazzjoni irrikorru:

**OXFORD PHOTO STUDIO**

7 PAOLA SQUARE, PAOLA Tel: 228069

Jinghata biljett wiehed lil min jibbukkja VIDEO jew RITRATTI u tlett biljetti lil min jibbukkja VIDEO u RITRATTI

**B'XEJN UKOLL: 3 ritratti 10''x 8'' u 2 ritratti 10''x 12'' ma' sett tar-ritratti.**

DPL 96/86

# KING GEORGE V BAND CLUB
# MQABBA

**KUMITAT 1986**

**PRESIDENT**
Joe Farrugia

**VIĊI PRESIDENT**
Peter Psaila

**SEGRETARJU**
Reno Sciberras

**ASS. SEGRETARJU**
Carmel Ellul

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASS. KAXXIER**
Innocent Farrugia

**MEMBRI**
Joseph Camilleri
John Galea
Paul Gauci

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph Ghigo S.J.

**DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. George Martin A. Mus. L.C.M. O.S.T.J.

**ASS. DIRETTUR TAL-BANDA**
Leonard Farrugia
Anthony Camilleri

**DELEGATI TAL-BANDA**
John Galea
Anthony Camilleri

**RAPPREŻENTANT FIL-BAND CLUB'S ASS.**
Carmel Briffa

**DELEGATI TAN-NAR**
Reno Sciberras
Joseph Camilleri

# FENECH PLANT HIRE LTD.



**Supplier of:**

Ready Mixed Concrete
and Franka Spalls
Crane Hire

**Contractor for:**

Excavation work
General Plant Contractor
GUDJA ROAD, GUDJA
TEL. 821931

# KRISTIANNE

*MATTIA PRETI SQR.,*

*ŻURRIEQ*

Stockists:

- **Household Goods**
- **Perfumes**
- **Cosmetics**
- **Baby Foods**
- **Everything for Mother-to-be and New Born, etc.**

**Tel: 827391**

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN



"Henjin dawk li jġibu l-Paċi, għax huma jissejħu wlied Alla". Hekk jgħarrafna Ġesù Kristu, fil-famuż diskors tal-muntanja.

U bir-raġun kollu għaliex il-PAĊI hija waħda mill-isbaħ virtujiet — virtu li jixtieqha kulħadd, iżda mhux kulħadd jaf kif jasal għaliha.

Hekk, per eżempju, mhux kulħadd jifhem li festa qatt ma' tista' tkun sabieħa u gawduta jekk f'qalbek u fil-parroċċa ma jkollokx doża qawwija minn din il-virtù.

Dan jgħallimna li t-tiżjin materjali fil-knisja, fi djarna u fit-toroq mhux garanzija ta' festa sabieħa daqskemm li kull wieħed u waħda minna jinsab fil-PAĊI m'Alla, ma' ħutu l-bnedmin u allura miegħu nnifsu.

U dan hu l-appell tiegħi din is-sena, dedikata lill-paċi.

Din is-sena Marija Santissima tixtieq rigal speċjali fl-anniversarju tal-150 sena minn meta x-xbieha tagħha waslet fostna.

Ejjew nagħmlulha festa akbar minn snin oħra: festa li tagħmel mhux biss unur lilna, iżda iżjed u iżjed li tagħti ġieħ lill-Madonna.

Ejjew, ilkoll, parroċċa sħiħa, bint Marija, nimitawha fl-umiltà, u noffru l-id tal-ħbiberija, ta' l-għaqda u allura tal-paċi lil xulxin.

Jien konvint li dan hu rigal Veru dehen ta' Marija — Rigal li mhux biss hu tant għal Qalbna, iżda li jkabbar u jsebbaħ bis-sħiħ festa dedikata lil dik l-OMM tagħna lkoll.

Minn qalbi nitlob li Marija Santissima, f'din is-sena tal-paċi, tbierek mit-tron tagħha lill-parroċċa kollha b'festa kbira, festa sabieħa, festa ta' PAĊI.

**Fr. Willie Vella**
Kappillan


TOWER SELF SERVICE
(TA' L-GĦOLI)

**Valletta Road Mqabba**

**NIXTIEQU L-FESTA T-TAJBA**
**LILL-KLINJENTI KOLLHA**

# PANDA
## GIFT-SHOP
### Triq Karmenu Ciantar – Mqabba

Fejn issibu:

**Għażla ta' Għamara** bħal corners, sidetables, mirja, trolleys, inkwadri ta' kull għamla u daqs u affarijiet utili oħra.
**Issibu wkoll** linef; silver plated jew silver; ċeramika fina; figurini; affarijiet tal-kristall u oġġetti tal-kċina u ħafna affarijiet għad-dar.

**Għalhekk għaliex le? Aslu wasla sal-**

## PANDA GIFT-SHOP

f'dawn il-ġranet tal-Festa biex tkunu tistgħu ssebbħu d-djar tagħkom.





## FARELL
**BATHROOM CENTRE**
**Electrical & Plumbing**

**Blue Grotto Ave., Żurrieq**
**Telephone: 822396**

# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT



Għeżież Partitarji,

Reġa' wasal iż-żmien illi fih, permezz ta' dawn l-erba' kelmiet, niltaqa' magħkom ħalli nagħtikom rendikont qsajjar ta' l-iżvilupp li jkun seħħ tul is-sena ta' ħidma kontinwa fi ħdan il-kumitat, sabiex sew is-Soċjetà tagħna u l-Festa tant għażiża għalina jkomplu jiksbu l-popolarità u l-ġieh li jistħoqqilhom.

Wara s-suċċess mistħoqq li kellna fil-festi li fakkru l-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tagħna – u ta' dan nerġa' ntenni l-grazzi kbir tiegħi lilkom, f'isem sħabi – sibna ruħna wiċċ imb'wiċċ ma' Anniversarju ieħor, daqstant importanti, dak tal-150 sena mill-miġja ta' l-Istatwa devota u artistika ta' Santa Marija fostna l-Imqabbin. Għaldaqstant, fejn is-sena l-oħra ħdimna l-aktar biex nżidu fil-preġju darna, din is-sena dħalna għal biċċa għadma oħra, dik li nirrestawraw mill-ġdid l-Istatwa tant għażiża tagħna.

M'għandniex xi ngħidu, ix-xogħol ma waqafx hawn u biex inkunu nistgħu niċċelebraw dan l-Anniversarju bil-kbir, kien jinħtieġ aktar ipjanar u ħidma kontinwa u li nista' ngħid, b'wiċċi minn quddiem, taw il-frott tagħhom. Għal din is-sena, fost oħrajn, ser jiżżanżnu xi bandalori bil-pittura għal pjazza u tiżjin ieħor għattoroq tagħna filwaqt illi fil-Każin, ser jiżżanżan 'bar' modern u xi opri oħra biex inkomplu nsebbħu darna. Ser inkunu nistgħu nagħmlu użu, għall-ewwel darba mill-maħżen ta' l-armar li s-Soċjetà bniet bl-għajnuna ta' ħafna benefatturi. Ta' dan kollu, nixtieq nirringrazzja lil dawk li b'xi mod kienu involuti, sew f'xogħol, ġbir jew kontribuzzjonijiet.

Minn naħa tal-banda, wara l-livell għoli li kisbet, speċjalment f'dawn l-aħħar snin, kien xieraq li jitkompla dan il-progress. Is-sehem tal-banda tagħna fil-Festa li niċċelebraw qiegħed dejjem jiġi aktar apprezzat mill-ammiraturi tagħha, l-aktar minħabba li n-numru ta' bandisti fi ħdanha qiegħed, għal grazzja t'Alla dejjem joktor. Għal dan l-Anniversarju, barra l-programm tas-soltu ħsibna biex inżidu l-Marċ ta' fil-għodu, b'appell speċjali sabiex nieħdu sehem fih bi ħġarna u b'dinjità.

Fl-aħħarnett, filwaqt li nirringrazzja lil dawk kollha li b'tant sagrifiċċju jaħdmu matul is-sena – tan-Nar, is-Surmast, l-għalliema u l-bandisti, ta' l-Armar, in-nisa tagħna u fuq kollox lil sħabi fil-kumitat – nixtieq nawgura lil kulħadd, Festa kbira u li sservi primarjament sabiex nagħtu l-għola ġieh lill-Patruna tar-Raħal tagħna, Marija Assunta.

Viva Santa Marija.

Viva l-Banda Re Ġorġ V

**Joe Farrugia**
**President**

sb
LIMITED
# SCICLUNA BROS. LTD.
## DEPARTMENET STORE

**Għal kull m'għandek bżonn fid-Dar:**
**KMAMAR TAL-BANJU, MADUM TAĊ-ĊERAMIKA, GĦODOD, CEMENT, KATUSI, PIPIJIET TAD-DAWL U TA' L-ILMA BL-AĊĊESSORJI MEĦTIEĠA, COOKERS, FRDIGES U WASHING MACHINES.**

**TRIQ ĠORĠ ZAHRA**
**(Wara l-iskola tal-Gvern)**
**LUQA**

**TEL: 820436**




## With the SINGER 8234/8222

**Singer present their latest Magic**

The new **Magic 8234 free arm** sewing machine with 34 built in decorative and elastic stitches and the **Magic 8222 free arm** model convertible to flat bed with 22 built in decorative and elastic stitches.

Common features include 4 step automatic button holer, push button reverse feed together with electronic speed control. Both models are also suitable either for mounting on a cabinet or for portable use.

Try anyone of these at any of our Sewing Centres.



**You will sew much more with a SINGER**

# KELMTEJN MIS-SEGRETARJU



Waslu dawk il-ġranet li tant ikunu mistennija mill-membri tas-Soċjetà tagħna. F'dawn il-ġranet, il-Banda tagħna tferraħ lill-Imqabbin u dawk il-barranin li jkunu fostna b'marċi brijjużi u b'dak il-briju li jħobbu jagħmlu l-partitarji żgħażagħ tagħna. F'dawn il-ġranet aħna lkoll nagħmlu l-appelli tagħna għal dak kollu li jaqqadna u biex kulħadd jiddeverti fil-ferħ u fil-paċi biex b'hekk nagħtu unur u glorja lil Ommna Marija mtella' s-sema. Il-piki fil-festa għandna nużawhom biss biex naraw min hu kapaċi jferraħ lill-poplu tagħna bl-isbaħ marċi u bl-isbaħ briju. Irrid nassigura lill-partitarji tagħna li minn dawn l-affarijiet aħna m'aħniex neqsin u nisperaw li din is-sena tkun aħjar mis-sena l-oħra.

Din is-sena hija avveniment l-aktar importanti għar-raħal ta' l-Imqabba għaliex jaħbat il-150 anniversarju (1836 – 1986) ta' meta l-istatwa Artistika ta' Santa Marija daħlet għall-ewwel darba ġewwa l-Imqabba. Għalhekk kien xieraq li din is-sena, wara tant taħbit u sagrifiċċji, jsir ir-restawr ta' l-Istatwa u tiġi mogħtija nduratura ġdida mill-famuż induratur Horace Farrugia. Din l-induratura ġdida ser tkompli ssebbaħ l-Istatwa tant devota ta' Santa Marija.

Bosta huma dawk li jaħdmu matul is-sena kollha biex ikabbru dejjem iżjed l-atmosfera tal-festa. Irrid nieħu l-okkażjoni biex f'isem is-soċjetà nirringrazzja lill-grupp partitarji nisa li b'sagrifiċċju għall-familja tagħhom stess, jieħu ħsieb il-ġbir fid-djar matul is-sena kif ukoll jieħdu ħsieb jorganizzaw diversi attivitajiet bħal coffee mornings u High Teas. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk l-individwi li jqattgħu l-ħin liberu tagħhom ta' matul is-sena biex b'sogru kbir għall-ħajja tagħhom, jaħdmu dak il-kwalità ta' nar sabiħ li jkompli jkabbar u jsebbaħ il-Festa ta' Santa Marija. Ma rridx ninsa wkoll lill-Bandisti tal-post li ta' kull ġimgħa sajf u xitwa jilqgħu s-sejħa li ssirilhom mid-Direttur tal-Banda biex flimkien jithejjew tajjeb għall-Mużika li tithejja għal dawn iż-żminijiet tal-festa.

Kulħadd jaf li l-ispejjeż għall-festa jikbru kull sena. Għalhekk nagħmel appell lil kulħadd sabiex jibqa' jikkontribwixxi mill-aħjar li jista' ħalli l-festa ta' Santa Marija tibqa' dejjem tikber bħala festa tat-Titular. Il-kontribuzzjonijiet ġenerużi tagħhom ma naqsu qatt u hekk nittama li jkunu din is-sena. Aħna ta' dan nirringrazzjawhom minn qalbna. Din is-sena ser jiżdied il-marċ ta' filgħodu f'nhar il-Festa li jirrekjedi ħafna spejjeż. Ser jerġgħu jiżżanżnu wkoll xi pavaljuni flimkien ma' xi bandalori ġodda li ser ikomplu jsebbħu t-triqat kif ukoll il-pjazza. Inxtraw wkoll xi antarjoli ġodda biex jintramaw fil-pjazza. Kieku mhux għax nittamaw fil-ġenerożità tal-partitarji u tal-membri , kieku ma kinux possibli li jiżżanżnu affarijiet ġodda.

Għaldaqstant inħossu dover tiegħi bħala segretarju tas-soċjetà li nagħmel appell sinċier lil kulħadd biex l-iskop li għalih issir il-festa ma jintilifx sabiex b'hekk is-soċjetà tagħna tkun tista' żżomm għoli l-isem tagħha, kif ukoll tagħti ġieħ lil Ommna Marija kemm matul is-sena u speċjalment u aktar fil-Festa ta' Santa Marija.

Fl-aħħarnett nappella lis-soċi u partitarji sabiex nhar it-30 ta' Lulju fil-Ftuh tal-Kwindiċina ta' Santa Marija, kulħadd jinġabar f'tarf ir-raħal sabiex nilqgħu fostna mill-ġdid u nagħtu qima u nsellmu lill-Istatwa ta' Santa Marija u b'dimostrazzjoni kbira nwassluha sal-Knisja ta' l-Imqabba biex tkompli tħares lill-parroċċa tagħna bħala l-Patruna ta' l-Imqabba. Mela ejjew nagħmlu għajta waħda lkoll flimkien.

**VIVA SANTA MARIJA**
**VIVA L-BANDA KING GEORGE V**

**Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.**

**Reno Sciberras**
Segretarju


Get the most out of life with
HOPLEAF
HOPLEAF
PALE ALE
A quality beer from
FARSONS

# APPELL MILL-KAXXIER



Ix-xahar ta' Awissu qiegħed magħna u għall-Imqabbin ifisser li waslet il-Festa ta' Santa Marija, titular tal-Parroċċa u l-Patruna Prinċipali tal-gżejjer Maltin. F'dan il-Jum nifirħu flimkien, biex jiċċelebraw b'solennità u b'għożża kbira l-Festa ta' Marija Assunta, Ommna l-Imqabbin.

Din is-sena, fir-raħal tagħna, l-Festa ta' Santa Marija hija speċjali għaliex jaħbat il-Mija u Ħamsin Sena (1836 - 1986) mill-miġja fostna ta' l-Istatwa tant sabiħa u artistika ta' Santa Marija. Sabiex infakkru dan l-avveniment storiku l-Kumitat ħaseb biex jorganizza Festa Speċjali li tixraq lil Ommna Marija.

Saret induratura ġdida fuq l-Istatwa mill-Induratur Horace Farrugia, tkompla x-xogħol fuq il-Pavaljuni u beda x-xogħol fuq sett ta' bandalori ġodda għal ġol pjazza. Dawn il-bandalori ser ikunu opra tassew sabiħa u barra d-disinn sabiħ li fihom ser ikunu mżejjna bil-pittura l-ġmiel tagħha. Barra dawn l-affarijiet tkompla x-xogħol fuq il-bini tal-maħżen, inxrat biċċa art oħra ma' ġenb il-maħżen, u l-bar tal-Każin ġie attrezzat b'armatura ġdida.

Naturalment dan ix-xogħol kollu ma kienx ikun possibli li jsir li kieku ma kienetx teżisti l-ġenerożità kbira min-naħa tal-partitarji kemm irġiel, nisa u żgħażagħ li dejjem wieġbu għall-appell min-naħa tal-Kumitat. Hawn ta' min isemmi l-Kumitat tan-nisa għas-sagrifiċċju li jagħmlu matul is-sena li barra li jagħmlu l-ġbir kull xahar, jieħdu ħsieb jorganizzaw attivitajiet oħra bħal Coffee Mornings u diversi ħarġiet għall-partitarji li l-qliegħ minnhom imur għall-fondi tal-festa.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-Kumitat u lill-membri kollha tas-soċjetà għall-koperazzjoni li dejjem urew u fl-istess ħin nappella lil partitarji sabiex fl-arbular tal-festa jkunu ġenerużi ħalli bħas-snin li għaddew ikollna festa sabiħa li tixraq lil Ommna Marija li tberikna mis-sema u tifraħ magħna.

Nawgura l-FESTA T-TAJBA lil Imqabbin kollha.

**Carmel Briffa**
Kaxxier


# BABYLAND
## DUN PAWL STREET, LUQA
## (IL-WIPPY)

**STOCKISTS:**
**PLAYPENS, PUSHCHAIRS/PRAMS, TOYS**
**CHILDREN'S WEAR**
**BABY FOODS**
**Everything for Mother-to-be and New Born, Etc.**

ABELA BROS.
GARAGE

DIESEL AND PETROL

MECHANIC

SPECIALISE ON

**FORD, MAZDA & TRANSIT**

***ABELA BROS GARAGE***

TRIQ IT-TIN

QORMI

TEL: 491579

J.B. STORE

TEXTILES & FENTS

FOR THE BEST QUALITY
TEXTILES FOR ALL OCCASIONS
OPENING HOURS:
MONDAY – FRIDAY:
8.00 a.m. – 12.00 noon
2.00 p.m. – 7.00 p.m.
SATURDAY
8.00 a.m. – 12.00 noon
RETAIL & WHOLESALE
L-IKLIN ROAD, LIJA
(NEAR CEMETERY)
TEL; 446918

COACH & HORSES
PUB



St. Paul's Bay
Tel: 571795

# MARIJA MTELLGĦA FIS-SEMA



Alla għoġbu jżejjen lil Marija bi privileġġ singulari minħabba fina. Kienet imnissla bla ebda tebgħa ta' dnub għax kienet magħżula biex tkun Omm Ibnu kif nafu mit-tħabbira ta' Gabrijel: dawn il-mumenti fil-ħajja tal-Madonna l-Knisja tiċċelebrahom bl-akbar solennità fit-8 ta' Diċembru, fl-1 ta' Jannar u fil-25 ta' Marzu.

Fil-15 ta' Awissu niċċelebraw ir-raba' u l-aħħar Solennità tal-Verġni Ommna fit-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema. Il-Papa Pawlu VI qal tajjeb ferm: "Din hi l-festa tax-xorti, tal-milja, tal-barka, tal-kobor tar-ruħ bla tebgħa ta' Marija, kif ukoll tal-ġisem verġni tagħha, u tal-figura perfetta tagħha ma' Kristu Rxoxt. Din hi festa li tpoġġi quddiem għajnejn il-Knisja u l-bnedmin kollha x-xbieha u l-prova ta' faraġ li għad isseħħ it-tama tagħhom ta' l-aħħar, jiġifieri li din il-glorja sħiħa hija wkoll ix-xorti ta' dawk kollha li Kristu għamilhom ħutu billi ħa 'ġisem u demm bħalhom', kif nafu mill-Kotba Mqaddsa." Dan hu kliem ta' faraġ kbir għalina, speċjalment jekk ninsabu mor-da nkella ġarrabna t-telfa ta' xi ħadd għażiż għalina.

Il-Knisja trid ukoll li din is-Sollenità ta' Marija Mtellgħa fis-Sema tkun imtawla billi tmint ijiem wara tfakkrilna lil Marija bħala Reġina. Għalhekk f'dik il-ġurnata għandna naħsbu fuq dik li tinsab maġenb ir-Re taż-Żminijiet, tiddi bħala Reġina u tidħol għalina bħala Omm tagħna bnedmin dgħajfa u midinbin.

Nittama bil-ħerqa li dawn il-ħsibijiet sempliċi jgħinuna biex ingawdu kif jixraq din il-Festa, b'ġisimna u b'ruħna, fil-familji tagħna, mal-ħbieb u mal-ġirien kollha, waqt li nitolbu lil Ommna Marija biex tbiegħed minna u minn pajjiżna dak kollu li ma nixtiqux.

**J.M. Ghigo S.J.**
Direttur Spiritwali


SOIMO

ELECTRONICS LTD.



Manufacturers
&
Installers



Factory 193,
Industrail Estate,
Luqa – MALTA.

Tel: 284241
825009
Telex: 792 Antenna

# IL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA

Il-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba kienet għall-ewwel imgħaqqda mal-Knisja Matriċi ta' Bir Miftuħ, it-tielet waħda fost l-ewwel għaxar Parroċċi mwaqqfa mill-Isqof De Mello fl-1436, u baqgħet magħha sakemm ġiet mifruda minnha u mwaqqfa f' Parroċċa għaliha fix-xahar ta' Novembru 1598.

Fl-1 ta' Awissu, 1574, il-Papa Gregorju XIII bagħat f'Malta lil Monsinjur Pietru Duzzina bħala Delegat Inkwiżitur u Viżitatur Appostoliku tad-Djoċesi. Monsinjur Duzzina fit-8 ta' Frar, 1575, wara li lesta l-viżiti tiegħu fil-Matriċi ta' Bir miftuħ, telaq sabiex jagħmel il-viżita lit-8 knejjes ta' l-Imqabba u beda mill-Knisja ta' San Bażilju, il-knisja prinċipali ta' l-Imqabba. F'dan iż-żmien l-Imqabba kienet raħal ċkejken, bi 30 dar imxerrdin 'il hawn u 'l hinn, u b'inqas minn 150 ruħ. Il-poplu tar-raħal talab lil Monsinjur Duzzina biex jifred l-Imqabba minn Bir Miftuħ, iżda din ix-xewqa tiegħu ma ġietx maqtugħa għal kollox ħlief 23 sena wara mill-Isqof Mons. Fra Tommaso Gargallo.

Mill-atti tan-Nutar Dun Ġwann Debono, Kanċillier tal-Kurja, fis-16 ta' Settembru, 1595, l-Imqabbin għażlu lil Baskal Spiteri u sitta oħra bħala rappreżentanti tagħhom, sabiex jagħmlu bil-miktub talba lill-Isqof Tommaso Gargallo u jwaqqaf l-Imqabba f'parroċċa. Huma wegħduh ukoll li jintrabtu li jagħtu lill-Kappillan ġdid dar fejn joqgħod u flus biex igħix, li jixegħlu minn flushom il-lampa quddiem Ġesù Sagramentat u talbuh li tiġi magħżula bħala Knisja Parrokkjali dik ta' l-ASSUNZJONI TA' MARIJA VERĠNI li kienet tinsab f'nofs ir-raħal. Din it-talba bil-wegħdiet tagħha għoġbot lill-Isqof u b'digriet tas-16 ta' Novembru 1598, maħruġ mill-Papa Klement VIII, l-Imqabba ġiet imwaqqfa f'Parroċċa u Dun Ġwann Mizzi, li kien viċi f'Ħal Safi, ġie magħżul bħala l-ewwel Kappillan tagħna.

Billi r-raħal kien qiegħed jikber ġmielu u n-numru tan-nies kien laħaq 487, Dun Pietru Pace li kien Kappillan, ħaseb biex jibni knisja akbar, u talab lil Mikiel Zammit, li kien wera x-xewqa tiegħu, biex jibni minn flusu knisja ġdida. Din il-knisja nbniet u ġiet iddedikata lill-ASSUNZJONI TAL-MADONNA u fil-kors tal-bini tagħha l-funzjonijiet kienu jsiru fil-Knisja ta' San Bażilju.

Fil-viżita pastorali ta' l-Isqof Fra Luca Bueno li saret fid-19 ta' Diċembru, 1667, ġie deċiż li din il-Knisja kienet żgħira u ordna li tinbena knisja akbar. Din ix-xorti messet lill-Kappillan Dun Anġlu Mallia, avukat, li bil-ħeġġa ta' Mqabbi li kien, flimkien mal-prokuraturi tiegħu, beda jiġbor il-flus biex jibni knisja akbar minn ta' qabel, il-knisja li għandna llum. Din il-Knisja nbniet madwar il-knisja ż-żgħira u tlestiet fis-sena 1689 wara 23 sena, taħt id-direzzjoni ta' Marju Briffa u ibnu, it-tnejn mill-Imqabba. Il-knisja ġiet ikkonsagrata fl-20 ta' Mejju 1774 mill-Isqof Fra Giovanni Carmine Pellerano bi spejjeż ta' Dun Karl Zammit mill-Imqabba.

Din il-Knisja hija "sabiħa u eżatta fl-arkitettura tagħha" (Achille Ferris); hija ta' ordni joniku b'forma ta' salib latin u fiha 10 artali kollha ta' l-irħam. L-iskultura tal-prospettivi u ta' l-altari saret kollha b'xejn mill-Kjeriku Franġisk Agius, u fl-1895 tkompliet l-iskultura fil-gwarniċjun u fl-arkati minn Mastru Wenzu Montebello minn Ħal Qormi. Ġew miżjuda l-kapitelli minn Mastru Pawl Xuereb taħt id-direzzjoni tal-Professur Nikola Zammit. Il-knisja tikkonsisti fil-kor, f'żewġ kappelluni, f'korsija u żewġ sagristiji ma' ġenb il-kor. Is-sagristija l-ġdida kienet tabilħaqq sabiħa għall-arkitettura perfetta tagħha. Il-knisja hija twila 114 il-pied, wiesgħa fil-kapelluni 77 u fin-navi 24 u nofs.

Fl-1897 il-koppla u l-lunetti ġew imżejna bil-pittura minn Professur Filippo Venuti ta' Ruma u għandha kampnar wieħed biss b'7 qniepen, il-kbira fosthom, li rnexxiet tassew, saret f'Milan mid-ditta Barigozzi aspejjeż tal-benefattur Michele Zammit u martu Giovanna.

Fil-parroċċa ta' l-Imqabba jinsabu mwaqqfa 3 Fratellanzi: tas-Sagrament (1600), tar-Rużarju (1634), u tal-Kunċizzjoni (1775); 3 kongregazzjonijiet: tal-Qassisin taħt il-Patroċinju ta' San Ġużepp (1675), ta' l-Agunija (1710) u ta' San Mikiel (1852), barra minn għaqdiet kattoliċi oħra. Fost l-affarijiet oħra huwa ta' min isemmi l-kwadru tal-pittura fuq l-injam li jirrappreżenta t-tieġ ta' S. Katerina mogħti minn Dun Girgor Schembri; il-kwadru ta' l-ASSUNTA fil-kor magħmul mill-Professur Venuti fl-1897; is-salib tal-kleru mogħti mill-qassisin fl-1768; il-lampier tal-fidda mogħti minn Marija Farrugia fl-1789; l-ostensorju mogħti minn Dun Salv Schembri fl-1912, u l-istatwa ta' SANTA MARIJA skolpita fuq l-injam minn Xandru Farrugia taż-Żejtun fl-1836 u hija waħda mill-aktar statwi sbieħ u artistiċi tad-Djoċesi.

Fl-1928 l-istatwa ġiet mogħnija b'pedestall tal-fidda maħdum mid-ditta Antonio Ghezzi e Figli ta' Milano fuq id-disinn ta' l-Imgħallem Abram Gatt ta' Bormla u b'esekuzzjoni fl-injam tas-surmast Manwel Buhagiar ta' Ħal Tarxien. fl-istess sena saret bradella ġdida bl-appostolat maħdum fl-Awstrija. Id-disinn tagħha sar minn Abram Gatt u ġiet esegwita minn Manwel Buhagiar. Il-benefatturi kienu Mikiel Zammit u Grazja Inguanez, it-tnejn mill-Imqabba.

Fid-9 ta' April, 1942, il-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba ġiet imġarrfa sewwa mill-bombi ta' l-għadu. Il-Koppla, il-kor, il-kappellun tax-xellug, is-sagristija l-ġdida sefgħu mġarrfin għal kollox. Ħafna oġġetti ntilfu, fosthom il-famuż orgni tad-ditta Inzoli li sar fl-1905; l-injam tat-tunzell il-ġdid u l-kanopew irrakkmat tat-Tabernaklu, l-artal maġġur bl-irħamijiet prezzjużi li kellu, u tliet artali oħra. Fi żmien ħames snin il-Knisja ġiet mibnija mill-Imgħallem Baskal Xuereb mill-Imqabba taħt id-direzzjoni tal-perit Andrea Micallef. Reġa' sar orgni ġdid mid-ditta Tamburini ta' Crema li żżanżan fl-1 ta' Mejju 1949, tlestew żewġ kwadri tal-pittura ġodda fil-kappellun tax-xellug, saret il-gallerija ta' l-orgni l-ġdid u tlesta l-presbiterju u l-artal maġġur maħdumin mid-ditta ingazio Bonavia ta' Birkirkara.



**Ritratt storiku tal-vara ta' Santa Marija fiz-zuntier tal-Knisja meta ġie mżanżan il-pedestall tal-fidda.**

Maż-żmien bil-għajnuna tal-benefatturi u tal-poplu ġeneruż tar-raħal il-knisja kompliet tiġi mżejna u armata. Fl-1961 il-pittur Aldo Micallef Grimaud pinġa l-pittura ta' l-erba' lunetti li juru tliet evanġelisti, San Mattew, San Mark u San Ġwann minflok l-oħrajn li kien pinġa Venuti u li kien ntemmu bil-gwerra. Minn ta' Venuti rrestawra dak ta' San Luqa li kien tfarrak sewwa. Fl-1965 bit-tberik tal-Kappillan Dun Karm Bianco saret qanpiena li ħadet post l-oħra li kienet imġenġla. Inħadmet mid-ditta Bianchi ta' l-Italja, swiet 530 lira u ħallsu għaliha l-aħwa Monsinjuri Ghigo. Fit-8 ta' Awissu 1966, l-Isqof Mons. Em. Galea, Vigarju Ġenerali, ikkonsagra ħames altari, fosthom l-altar maġġur, li kienu tkissru u saru ġodda.

# Xalata kbira l-għada tal-Festa

Navżaw li min irid jiġi x-xalata fis-16 t'Awissu javviċina lil xi ħadd tal-Kumitat.
Tluq minn ħdejn il-Knisja fis-1.30 pm.

# JULIUS FURNITURE

NAĦDMU:

- MAIN/SPARE BEDROOMS TA' KWALITÀ GĦOLJA
- KITCHEN UNIT TAL-FORMIĊA JEW PITCH-PINE
- POĠĠAMANI BIL-BALAVOSTRI TAL-KEWBA
- BIBIEN TAL-IROKO JEW KEWBA, etc.

IRRIKORRU
**30 LUQA IND. ESTATE**
**LUQA**
**TEL: 284243**
(Faċċata tal-Country Hotel)

# KRISTI

**(Prop. JOE SCIBERRAS)**

**IRONMONGERY & HOUSEHOLD GOODS**

90, St. Basil Str., MQABBA
(Behind Church)

**Book early for your Weddings, Baptisms, Parties etc.**

**BARON CONFECTIONARY & GROCERY**

MQABBA BRANCH

Call At:

## TARGET SHOP

TRIQ IL-KILEB
MQABBA




Ritratt tad-disinn oriġinali tal-bradella ta' Santa Marija li nħadmet mis-Surmast Manwel Buhagiar ta' Ħal-Tarxien fl-1928. L-appostolat inħadem fl-Awstrija. Id-disinn tagħha sar mill-Imgħallem Abram Gatt ta' Bormla, swiet ful il-200 lira u l-benefatturi kienu Mikiel Zammit u Grazja Inguanez, it-tnejn mill-Imqabba.



## L-ISTATWA TA' S. MARIJA FL-IMQABBA

**Tagħrif miġbur mill-Kapp. Tumas Agius. (1836)**

Tabilħaqq, in-nies li joqogħdu fit-taqsima ta' l-Imqabba iżjed mill-oħrajn kollha, dejjem urew kemm tassew iħarsu r-Reliġjon qaddisa tagħna billi taw qima 'l Alla u ġieh 'l-Omm Imbierka tiegħu, bl-aktar mod sempliċi u ħafif, kif jixraq lil poplu Nisrani. Għaliex in-Nisrani li għandu tassew qima lejn il-qaddisin huwa dak li jersaq quddiem ix-xbihat u l-istatwi tagħhom ħalli jweġġaħhom, mhux bl-ispirtu li jiflihom bir-reqqa u jmaqdar il-qagħda tagħhom, it-tiżjin u ħwejjeġ oħra, imma bil-għan li jqim il-persunaġġ muri f'dik ix-xbiha jew statwa li tkun.

Li hekk tassew kienu n-nies imsemmija, tixhdu l-istatwa tagħhom tal-Madonna Mtella' fis-Sema, li għalkemm maħduma fi żmien li ilu li għadda u b'dehra xejn tal-għaġeb, b'danakollu kienu jtuha ġieh u qima l-aktar għolja billi joħorġuha bil-purċissjoni bosta drabi matul is-sena.

Għalkemm dejjem hekk kienet il-ħrara ta' dawn il-Parruċċani mfaħħrin tiegħi lejn l-Imqaddsa Omm Alla li il-ha sa minn żmien ilu ħafna kienu ħatru Protettriċi tagħhom; imma ma kienu jħossu xejn bħalhom in-nies ta' l-inħawi ta' madwarhom li, fil-jiem meta kienet toħroġ l-imsemmija Xbieha kienu jiġu bil-kotra mill-inħawi tagħhom biex jiddieħku u jżebilħu lin-nies ta' hawn billi jmaqdru u jxebbħu l-imsemmija xbiha ma' ħwejjeġ taż-żufjett u ta' stmerrija, u b'hekk jgħaddu ż-żmien. U b'dan il-mod, in-nies infushom li kienu jgħammru hawn bdew jaqgħu għaċ-ċajt mal-gżira kollha. Dan iż-żebliħ kien beda jifnihom għall-aħħar lin-nies tiegħi. Huma għalhekk xtaqu li jġeddu ix-xbiha tagħhom, imma billi beżgħu li jkollhom jonfqu ħafna flus u, aktarx, billi ma ndaħal ħadd għal din il-biċċa xogħol kellhom, għalhekk, iġarrbu dan it-tagħjir kollu.

Imma jkunu mfaħħrin dak Alla li jibqa' għal dejjem u l-Omm Kbira u Protettriċi tagħna. Għaliex malli ħajjart lil dan il-poplu ħabbrieki biex bla telf ta' żmien isir tiġdid tax-xbiha Qaddisa, biex neħilsu minn dawk il-ħwejjeġ mhux xierqa li kienu qegħdin isiru, u wassalt il-fehma tiegħi lis-sinjuri saċerdoti wieħed, wieħed, li huma laqgħuha bil-ferħa u ħtarthom prokuraturi ewlenin għal din l-opra li għaliha nxteħtu b'kemm ħidma setgħu bla ma qagħdu jqisu t-taħbit u x-xogħol.

Imbagħad, fissirt il-ħsus tiegħi lil dan il-poplu u ħeġġiġtu biex joħroġ dak li kien meħtieġ sew għat-tfassil tax-xbiha l-ġdida kif ukoll għat-traslazzjoni solenni tagħha. Ħaġa tabilħaqq qanqlet għaġeb għaliex malli fissirt kif kien se jsir il-ġbir, il-poplu qam b'agħa kbir u wara l-quddiesa li kienet kantata billi kien jum il-Ħadd, jien, Kappillan, Dun Bernard Xiberras u Dun Ġwann Bonavia bdejna niġbru u, ma' l-ewwel dawra li għamilna, ilħaqna ġbarna s-somma meħtieġa biex tinħadem ix-Xbiha Mbierka.

Għax-xogħol ta' din l-imsemmija Xbiha kien magħżul Mastru Alessandru Farrugia taż-Żejtun bin-nefqa ta' 250 skud, barra mill-injam li minnu kellha tinħadem li aħna xtrajna mit-Tarzna tal-Gvern bin-nefqa ta' erbgħin skud u brazz tal-fjuri maħdum mis-sorijiet tal-klawsura ta' Santa Katarina li sewa għaxar skudi, li kien irregalat lill-illustrissimu sinjur Ammirall.B'mudell ta' l-Imqaddsa Xbiha kulħadd qabel li tingħażel dik ta' Ħal Għaxaq.

Malli qorob iż-żmien, billi kollox twettaq fi ftit xhur, meta tinġieb l-istatwa mqaddsa, kulħadd, b'fehma waħda, qatagħha li l-laqgħa kellha ssir fil-bidu tar-raħal u bl-akbar pompa li tista' ssir bla ma jitqiesu la n-nefqa u lanqas it-taħbit. Għalhekk twaqqfu tliet arkati trijonfali, jiġifieri l-ewwel waħda fid-daħla tar-raħal, li din, fuq id-drawwa tar-Rumani tal-qedem, kellha tkun bi friegħi u fjuri, bil-kitbiet għal kull waħda magħmulin mit-tabib Arkanġlu Pulicin. It-tieni, fid-daħla tal-pjazza Parrokkjali u din kienet imżejna b'damask, linfa u dwal, xema' u mirquma b'kitba magħmula mill-imsemmi Sur Pulicin. It-tielet twaqqfet fuq iz-zuntier ta' l-istess knisja li fiha nġabru ż-żewġ xbihat jiġifieri dik tas-Santissimu Salvatur u tal-Kunċizzjoni ta' Marija Santissma u din kienet imdawla kollha kemm hi matul il-jum; it-tliet arkati msemmija hawn fuq, inħadmu bl-idejn mill-W.R.I. Dun Bernard Xiberras. Barra minn hekk, intgħamlu tliet arkati oħra li ssieħbu mat-tielet għat-tliet xbihat, jiġifieri ta' San Ġwann Battista, ta' Sant'Andrija u dik ta' Santu Rokku.

Għal dik li hi knisja, din kienet imżejna bid-damask kif kienet titlob is-solennità mixtieqa; kien mistieden il-Kleru kollu tar-raħal tas-Siġġiewi, flimkien ma' l-aktar imweġġaħ Ċeremonier tiegħu li kien il-W.R.S.D. Dun Pietru Pawl Saliba. Barra minn hekk tlabna lir-rispettabli Spettur tal-Gvern għal kumpanija suldati u tabilħaqq dawn ġew għall-qadja kollha sewwasew kif kellhom l-ordnijiet. Kien imħejji logħob tan-nar, xogħol ta' Indrì Farrugia miż-Żurrieq li kien ta wirja mill-isbaħ. L-illuminazzjoni kienet mhux biss fil-knisja imma mar-raħal kollu, ħaġa li qanqlet l-għaġeb fil-gżira kollha.

It-triqat kollha mtlew bil-weraq u l-fjuri. F'kelma waħda, sew min-naħa tal-kleru u sew min-naħa tal-poplu kienet wirja tal-ħidma kollha li setgħet issir b'xhieda ta' l-imħabba li dejjem inżammet sħiħa lejn is-Sultana tas-Smewwiet u l-Omm l-aktar Qaddisa u Protettriċi tagħna Marija Verġni.

Waslet fl-aħħar is-siegħa hienja li kien nhar l-14 tax-xahar t'Awissu 1836, li ħabat jum il-Ħadd, li fih ix-Xbiha Mqaddsa kellha tmidd riġilha għall-ewwel darba fl-ixxurtjat raħal. Fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar tlaqna msieħbin mill-biċċa l-kbira tan-nies tar-raħal bil-briju kollu li seta' jsir. Malli wasalna fir-raħal taż-Żejtun issejjaħ is-Sur Nutar Troisi u quddiem il-poplu hemm miġbur minn bosta rħula, sar il-kuntratt ma' l-imgħallem li ħadem l-imsemmija Xbiha Qaddisa filwaqt li stqarr li kien sodisfatt b'dak li ngħata.

X'ħin għaddejna minn Ħal-Għaxaq, tlabt lis-Sur Kappillan ta' hemm il-W.R.S.Dott. Tumas Naudi biex indaħħlu x-Xbiha mbierka u dan wera l-aktar pjaċir tiegħu, tant li laqa' x-Xbiha Qaddisa bid-daqq tal-qniepen u b'sinfonija bil-mużika, u meta ngħatat il-Barka minni, l-imsemmi Sur Kappillan Naudi għamel kelmtejn ta' tifħir u ntemm b'evviva u ċapċip ma' kullimkien min-nies ta' hemm kollha.

Għaddejna wkoll mir-raħal tal-Gudja u x-Xbiha Mqaddsa kienet milqugħa min-nies ta' hemm bid-daqq tal-qniepen u bl-isparar tal-murtaletti.

Wasalna fit-tmiem; x'ħin beda jidlam l-imsemmija Xbiha Mqaddsa tiġi mqegħda taħt l-ewwel arkata... u hawn inħalli lir-rispettablissimi suċċessuri tiegħi x'ħin, jaqraw dan it-tagħrif dgħajjef tiegħi, iġibu quddiem għajnejhom kemm kien kbir l-għors, l-allegrija u l-ferħ ta' dan il-poplu waqt li kulħadd, Kleru u Poplu, taw sinjal ta' l-imħabba kbira li kellhom fihom għall-Imqaddsa Verġni, Omm u Protettriċi tagħhom Marija.

Malli ntemm l-ewwel mutett, ingħatat tislima mill-korp tas-suldati bl-isparar, u dan kien imtenni fil-bieb tal-Knisja.

Malli ntemmet din l-ewwel laqgħa kienet ordnata l-proċessjoni kif kien amar iċ-Ċeremonjier Saliba msemmi hawn fuq. Waqfet ix-Xbiha Mqaddsa wkoll taħt it-tieni arkata kif ukoll taħt it-tielet.

Malli daħlet fil-knisja u tqegħdet fil-post maħsub għaliha, sar il-kant alternat bil-mużika waqt li s-suldati tħallew fuq il-presbiterju. U mogħtija l-Barka inbeda l-logħob tan-nar billi l-lejl kien daħal sew.

Tifkira ta' ġrajja hekk sabiħa jixirqilha titwassal għaż-żminijiet li għad iridu jiġu.

**D. FARRUGIA**

**Crane Hire**

**for all kinds**

**of work**

"Chamonix"

Plot 36, Mqabba by Pass,

Mqabba.

Tel: 683228

DRAGON FORGE

**Joseph Aquilina**

Designer & Decorator – Iron Works
98, Crafts Village, Ta' Qali, Tel: 440160

**Manufacturers of:**

- All types of iron Works
- Sheet Metal Works
- Wrought Iron Furniture
- Catering Equipment
- Art Metal in Brass, Copper and Metal
- All kinds of Hand Made Souvenirs
- Airconditioning Works
- Stainless Steel




Best Craftsmanship – Quick Service



# MQABBA MARBLES LTD.

KITCHEN TOPS – FLOORING – SKIRTING – TABLE TOPS
STAIRS – FACADES – SHOP FRONTS, etc.

WE ARE MALTA'S ONLY FACTORY WITH THE MACHINERY AND EXPERTISE TO POLISH OUR OWN **GRANITE**

OUR **GRANITE** IS IMPORTED FROM ALL OVER THE WORLD UNPOLISHED.
THEREBY **SAVING 65% DUTY**. WHICH WE PASS ON TO YOU!

**LARGE SELECTION OF COLOURS**

***See also our wide selection of imported marble at MALTA'S KEENEST PRICES***

**PHONE: 820202 or 826188**
**MONDAY to FRIDAY: 8 a.m - 4.30 p.m.**

FACTORY AND OFFICE :
VALLETTA ROAD, MQABBA, MALTA.

# JULIO & CHARLIE SACCO

**QRENDI ROAD, MQABBA**
Tel: 683129
JAWGURAW

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD

U JFAKKRU LI HUMA JAGĦMLU

**Xogħol fl-Injam ta' Kwalità Għolja**
**PREZZIJIET MODERATI**




**Ritratt storiku ta' l-Istatwa ta' Santa Marija bil-pedestall l-antik.**

## EMANUEL CATANJA SCULPTURE

GĦAL XOGĦOL MILL-AQWA TA' SKULTURA TA' L-GĦAMARA BĦAL SOTTOSPECCHI U SALOTTI





IRRIKORRU GĦAND

**EMANUEL CATANIA**
'ODYSSEY' BRONJA STREET,
ŻURRIEQ

TEL: 682137




PIZZERIA – ST. ANDREWS ROAD, ST. ANDREWS, MALTA – TEL 342439

# L-INDURATURA FUQ L-ISTATWA TA' SANTA MARIJA

Kienet ilha ħafna tinħass il-ħtieġa li l-istatwa ta' Santa Marija kellha bżonn li tiġi rranġata peress li kemm il-libsa kif ukoll il-mant kienu bidlu l-kuluri wara li kienu ġew miksijin b'passata verniċ li ossida ruħu u għalhekk ħoloq patina ħadra fuq iż-żewġ kuluri. Il-karnaġjon ukoll kellu bżonn isir mill-ġdid minħabba l-istat ħażin taż-żebgħa li f'xi partijiet kienet mibruxa.

Wara diversi laqgħat mal-Kappillan tal-parroċċa Rev. Willie Vella ġie deċiż li jiġi presentat rikors fil-Kurja Arċiveskovili u meta l-espert tal-Kurja Rev. J.B. Gauci ra l-istatwa huwa mill-ewwel induna li l-istatwa ta' Santa Marija kellha bżonn li tiġi rranġata.

Rev. J.B. Gauci fuq talba tal-Kappillan beda jfittex xi induratur dispost li jagħmel restawr fuq partijiet mill-induratura ta' l-istatwa li kellhom bżonn urġenti minħabba l-istat ikrah li kienet tinsab fih. Dun Gino Gauci sab restawratur li għamel l-offerta tiegħu għax-xogħol iżda dan wara fiti ġranet ma riedx jagħmel ix-xogħol għal raġunijiet personali.

Il-Kumitat ma qatax qalbu u kompla jistinka sakemm fl-aħħar instab ir-restawratur Horace Farrugia ta' l-Imdina li wara li ra l-istatwa flimkien ma' l-espert tal-Kurja, dawn raw li r-restawr kif kien ser isir kien ser iservi biss għal ftit tas-snin u li wara l-istatwa jkollha tiġi ndurata kollha kemm hi mill-ġdid. Għalhekk huma qablu li l-induratura għandha ssir sħiħa minn issa.

Din l-aħbar intlaqgħet tajjeb mill-partitarji ta' Santa Marija li bdew jippreparaw mis-sena l-oħra sabiex wara l-festa l-istatwa tittieħed għand l-induratur l-Imdina. Għalhekk ġie deċiż li nhar is-Sibt 24 t'Awissu l-istatwa artistika ta' Santa Marija kellha tiġi meħuda għand l-induratur. Kienu ħafna l-partitarji ta' Santa Marija li bkew meta l-istatwa ħalliet il-knisja parrokkjali u ħafna minnhom segwew l-istatwa sar-Rabat minn fejn l-istatwa id-daħlet l-Imdina fuq l-idejn.

Ix-xogħol kien diffiċli u wara li l-istatwa tħalliet għal xi xhur tinxef, Horace Farrugia l-ewwel ma għamel kien li barax l-istatwa kollha. Wara beda jagħti l-passati tal-ġibs u meta nixef beda jixkatlah fin fin. Imbagħad ġie ppruvat l-abbozz tad-disinn u hekk kif dan ġie applikat fuq l-istatwa u deher li huwa sabiħ, hemm bdiet l-induratura propja. Is-Sur Horace Farrugia ndura l-istatwa kollha bil-folji tad-deheb u wara beda jinborni x-xogħol jiġifieri joħroġlu l-lostru. Wara beda japplika l-kulur u jisgraffa sabiex joħroġ id-deheb minn taħt il-kulur. Dan ix-xogħol kollu jirrikjedi paċenzja kbira u għalhekk wieħed jammira lil Horace għaliex huwa verament bniedem addattat għal dan ix-xogħol.



**Horace Farrugia waqt fażi mix-xogħol tar-restawr.**

Wara li s-Sur Horace Farrugia lesta mill-induratura, issa kien imiss lill-magħruf Għawdxi Michael Camilleri Cauchi li ħa ħsieb l-Karnaġjon. Dan kompla fejn ħalla Horace u wettaq ix-xogħol b'ħila kbira. Dawn it-tnejn min-nies ħaqqhom kull tifħir u ringrazzjament għal biċċa xogħol kbira li wettqu fuq l-istatwa ta' SANTA MARIJA.

Għalhekk issa nistennew b'ħerqa kbira l-miġja fostna ta' l-istatwa artistika ta' Santa Marija meta nhar l-Erbgħa 30 ta' Lulju 1986 l-istatwa tinġieb l-Imqabba mill-Imdina fejn wara li tiġi mbierka titwassal fil-knisja sabiex jibdew il-festi tal-mija u ħamsin sena ad unur ta' OMMNA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA.


Gelandia®
ice cream
The refreshing traditional Italian Ice Cream with high nutritional value.
Available in a variety of delicious flavours
Trade Enquiries:
Tel: 605442
Gelandia®
the best for the family

Piedestallo argento per la statua di S.ta Maria in Casal Micabiba (Malta)



Disegno - Maestro Sig. Gatt          eseguito a sbalzo e cesello dalla ditta

Ritratt tad-disinn oriġinali tal-pedestall tal-fidda li nħadem fl-1928 mid-ditta Antonio Ghezzi e Figli ta' Milano. Id-disinn huwa ta' l-Imgħallem Abram Gatt ta' Bormla u l-esekuzzjoni fl-injam saret mis-Surmast Manwel Buhagiar ta' Ħal-Tarxien. Dak iż-żmien il-pedestall kien sewa 400 lira.




**All the goodness of fruit, fresh from Mother Nature.**

## Festa ta' Santa Marija – 1985

### Rendikont tal-festa fil-Knisja:

Dħul:

| | |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra | 25.00.0 |
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | 471.00.0 |
| Offerti fl-envelopes fil-Knisja/Uffiċju | 72.00.0 |
| Ġabra speċjali fil-Knisja | 110.00.0 |
| Donazzjonijiet diversi | 86.00.0 |
| Dħul | 764.00.0 |

Ħruġ:

| | |
|---|---|
| Personell barrani | 82.00.0 |
| Orkestra | 322.00.0 |
| Daqq ta' qniepen/Anterni/Standarti/Salib | 40.00.0 |
| Organista | 29.00.0 |
| Dawl, Faċċata tal-Knisja/Kampnar/Koppla | 250.00.0 |
| Fjuri | 23.50.0 |
| Ħruġ totali | 746.50.0 |

| | |
|---|---|
| Dħul | 764.00.0 |
| Ħruġ | 746.50.0 |
| Bilanċ | 17.50.0 |


**ATTARD BROS. Co. Ltd.**
**Ta' Qali** Tel: 486980 – 442014

**BEJGĦ u ĠARR ta MATERJAL**
Qatran tal-filata u
Waterproofing membrane
Xibka mwassla bil-'high-up'
Vireg u stirrups
Katusi u fittings
Cement
Ġarr ta' torba
TAĦMIL ta' plots
KIRI ta' cranes u scaffolding



**BLUE MIX**
**CONCRETE SUPPLIES**

**PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI LI JFAKK**
**TA' SANTA MARIJA ĠEWWA**

# FESTI TA' ĠOL-KNISJA

**L-ERBGĦA, 30 TA' LULJU – FTUĦ TAL-KWINDIĊINA**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IS-SIBT, 9 TA' AWISSU – ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**

8.00 p.m. Isir Ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija, Kant ta' l-Innu ***Ave Maris Stella*** u Antifon

**IT-TNEJN, 11 TA' AWISSU – L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Mons. Innocenz Borg bl-Omelija **Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem.**

7.15 p.m. Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IT-TLIETA, 12 TA' AWISSU – IT-TIENI TRIDU**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata minn P. Joseph Ghigo S.J. bl-Omelija **Marija, Sultana tas-Sema u l-Art.**

7.15 p.m. Bħal jum ta' qabel.

**L-ERBGĦA, 13 TA' AWISSU – IT-TIELET TRIDU.**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Speċjali għall-morda u l-Anzjani mill-W.R. Kan. M. Saliba bl-Omelija **Marija Saħħa tal-Morda.** Fl-istess quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dlik tal-Morda.

7.45 p.m. Bħal jum ta' qabel.

**IL-ĦAMIS, 14 TA' AWISSU – LEJLIET IL-FESTA.**

8.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-W.R. Dun Willie Vella, Kappillan tal-Parroċċa. Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona.

6.30 p.m. Tranżulazzjoni Solenni tar-Relikwija mmexxija mill-W. Rev. Mons.Bartolomeo Bezzina. Quddiesa Solenni minn novell Dun Alex Bezzina, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IL-ĠIMGĦA, 15 TA' AWISSU – JUM IL-FESTA.**

5.30 a.m. u 7.00 a.m. Quddies.

8.00 a.m. Kant Solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni solenni u Pontifikal immexxija mill-W.R. Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali, li jinseġ ukoll il-Paniġierku.

10.30 a.m., 11.30 a.m. u 12.30 p.m. Quddies.

6.00 p.m. Sekondi Vespri solenni mill-W.R. Mons Bartolomeo Bezzina, Salve u Litanija.

7.30 p.m. Proċessjoni bl-Istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa mmexxija mill-istess Monsijur.

10.15 p.m. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**N.B.**: IL-ĦAMIS, lejliet il-Festa, filgħodu u filgħaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar. Il-Mużika tat-Tridu, lejliet u nhar il-Festa, tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Salv Galea O.P., L.R.S.M.

**IL-ĠIMGĦA, 22 TA' AWISSU – L-OTTAVA TAL-FESTA.**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Repożizzjoni tar-Relikwija, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

U L-150 SENA MILL-MIĠJA TA' L-ISTATWA
-IMQABBA 1836 – 1986

# FESTI ESTERNI

**L-ERBGĦA, 30 TA' LULJU – FTUĦ TAL-KWINDIĊINA**

Fis-7.30 p.m. Mixegħla Ġenerali. F'EGĦLUQ IL-MIJA U ĦAMSIN SENA (1936 – 1986) mill-miġja fostna ta' l-Istatwa, l-Imqabba terġa' tilqa' l-Istatwa Artistika ta' SANTA MARIJA. Il-Banda King George V taħt id-direzzjoni tas-Surmast Kav. George Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J. tilqa' l-Istatwa bl-Innu Marċ "ĠAWHRA MQABBIJA" fil-bidu tar-raħal Valletta Road. Wara t-tberik ta' l-Istatwa mill-W.R. Dun Willie Vella, Kappillan tal-Parroċċa, il-Banda takkompanja lill-Vara sal-Knisja bl-innijiet u marċi brijużi.

**FIL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA**

Fit-8.00 p.m. Mixgħela Ġenerali.

**IS-SIBT, 9 TA' AWISSU – ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**

Fis-8.00 p.m. toħroġ l-istatwa artistika ta' Santa Marija fuq iz-zuntier. Wara li l-Banda King George V tilqa' l-istatwa bl-Ave Marija u Marċi brijużi, tkompli tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal bil-marċi.

**IL-ĦADD, 10 TA' AWISSU**

Fit-8.30 p.m. Wasla tal-Vigarju Mons. Carmelo Xuereb. Jindaqq l-Innu Pontifiċju.

Fit-8.35 p.m. Wasla ta' l-Eċċ. Tagħha s-Sinjorina Agatha Barbara, President tar-Repubblika. Jindaqq l-Innu Malti. Il-Banda King George V twassal lil mistednin speċjali sal-Każin. Isiru diskorsi ta' l-okkażjoni. Wara l-President tikxef irħama kommemorattiva, u l-Vigarju iberikha. Wara isir riċeviment fis-Sala tal-Każin. Mistednin il-membri u partitarji kollha

**IT-TNEJN, 11 TA' AWISSU – L-EWWEL TRIDU**

Fit-8.15 p.m. Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, King George V tagħmel marċi mat-toroq tar-raħal. Il-marċ jibda minn Misraħ il-Fidwa. Wara l-Banda tesegwixxi programm quddiem il-Każin.

**IT-TLIETA, 12 TA' AWISSU – IT-TIENI TRIDU**

Fit-8.15 p.m. Il-Banda Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jibda minn Mill Street.

**L-ERBGĦA, 13 TA' AWISSU – L-AĦĦAR TRIDU**

Fit-8.15 p.m. Il-Banda King George V tagħmel il-marċ tradizzjonali fost briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda minn Parish Street.

**IL-ĦAMIS, 14 TA' AWISSU – LEJLIET IL-FESTA**

Fis-7.30 p.m. Marċi mar-raħal mill-Banda Unjoni ta' Ħal-Luqa.

Fid-9.00 p.m. Marċi brijużi mill-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq.

**IL-ĠIMGĦA, 15 TA' AWISSU – IL-GĦID TA' L-ASSUNTA**

Fl-10.30 a.m. il-Banda King George V ta' l-Imqabba tagħmel marċ biex tferraħ it-toroq prinċipali tar-Raħal b'sett ta' marċi brijużi.

Fis-6.00 p.m. Il-Banda Queen Victoria u Unjoni jagħmlu marċi mar-raħal.

Fis-7.30 p.m. Toroġ il-purċissjoni bl-Istatwa Artistika ta' Santa Marija. Il-Banda Unjoni takkompanja l-Istatwa id-dawra tal-purċissjoni. Meta l-Istatwa tasal ħdejn il-Każin, il-Banda Queen Victoria ddoqq ***Innu Lil Marija Assunta*** kitba ta' Patri J. M. Ghigo S.J. u mużika tas-Surmast Kav. George Martin A.Mus. L.C.M., O.S.T.J. Ikantaw it-Tenur Joe Huber L.R.S.M., u l-Baritonu Joe Fenech mal-kor tax-xebbiet ta' l-Istess Soċjetà.

E V.B.CLUB
-1910

# Martin Monreal
## IRONMONGERY

**St. Andrew Street, Żurrieq**

**Tel: 682435**

Issibu għall-bejgħ:

***Madum, żebgħa ta'kull kwalità, ħġieġ u ħafna oġġetti utli għall- bini.***

## JOSEPH GRECH & SONS

TEL: 827860

(Frida Transport Service)

u għal xogħol ta' għorik ta' madum irrikorru:

"FRIDA HOUSE"

42, St. Basil Street — Mqabba

## LINDA STORE

MONS. P.P. SAYDON STREET — ZURRIEQ.

Prop: Mario Galea Tel: 827215

Issibu dak kollu li tiġu bżonn fid-dar. Kollox bi prezz moderat u servizz mill-aħjar.

- Tnaqqis Speċjali għall-Ħlas fil-Pront
- Ħlas bin-Nifs Aċċettat Ukol.

BOFFA LTD.

BRANCHES:

19, PAOLA SQUARE – PAOLA – TEL: 827733

10, CITY GATE – VALLETTA – TEL: 226480

Thinking of purchasing a musical instrument. Then it is good to know that we are

REPRESENTATIVES for:

MUSICAL INSTRUMENTS

LUDWIG INTERNATIONAL – ZILDJAN – SABIAN – VINCENT BACH INTERNATIONAL

SELMER – BOOSEY & HAWKES – ARNOLD STOLZEL – ENRIQUE KELLER

ELECTRICAL ORGANS AND PIANOS — WERSI – HOHNER – GEM

Apart from importing the musical instruments of the above renowned firms, our company undertakes also **PROFESSIONAL RECORDINGS** for Band Marches.

## SETT TA' MARĊI
## LI SER JINDAQQU MILL-BANDA
## KING GEORGE V
## FIL-FESTA TA' SANTA MARIJA
## ĠEWWA L-IMQABBA

| Isem il-Marċ | Irregalat Minn | Surmast |
|---|---|---|
| IN PARISH SQUARE | C. GHIGO | J.M. BARBARA |
| RITIENNE | J. GALEA | L. FARRUGIA |
| FIREWORKS GROUP | M. VASSALLO | A. FARRUGIA |
| FESTA KBIRA | P. MIFSUD | M. CIANTAR |
| 75th ANNIVERSARY | G. MARTIN | G. MARTIN |
| LORA | L. GALEA | A. MIZZI |
| SANDRO | L. FARRUGIA | L. FARRUGIA |
| NISA LJUNI | G. MARTIN | G. MARTIN |
| MARIJA N-NAXXARIJA | J. CAMILLERI | A. AQUILINA |
| OCCHIVERDI | A. CAMILLERI | A. CAMILLERI |
| MARIANA | J. GALEA | O. CACHIA |
| FERĦANIN – Innu Marċ | P. ZERAFA | E. BUGEJA |
| MARIJA ASSUNTA – Innu Marċ | L. FARRUGIA | L. FARRUGIA |
| ĠAWHRA MQABBIJA - Innu Marċ | T. CAMILLERI | T. CAMILLERI |

### MARĊI POPOLARI

| | | |
|---|---|---|
| TA' GORI | J. GALEA | A. MIZZI |
| AGRIGENTO – Innu Marċ | I. CAMILLERI | A. COLEIRO |

## PROGRAMM MUŻIKALI

### IT-TNEJN 11 TA' AWISSU, 1986

| | | |
|---|---|---|
| OVERTURE | FRENCH COMEDY | KĔLER BĔLA |
| CORONATION MARCH | LE PROPHETE | GIACOMO MEYERBEER |
| GRANDE FANTASIS | LA TRAVIATA | GIUSEPPE VERDI |
| SELECTION | AROUND THE WORLD IN 80 DAYS | VICTOR YOUNG |

**MRO. GEORGE MARTIN A. Mus. L.C.M. O.S.T.J.**
DIRETTUR

### MARĊI FUQ CABLE RADIO 1

Dawn is-Sett ta' marċi flimkien ma' l-Innu Marċ lil Maria Assunta għandhom jistemgħu fuq Cable Radio 1 nhar it-Tlieta 12 ta' Awissu, 1986, fid-9.00 ta' fil-għaxija.

Idoqq il-Banda KING GEORGE V taħt id-direzzjoni tas-Surmast Kav. G. Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J.



Il-Banda King George V waqt il-Programm Mużikali nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju, 1985 fiċ-Ċelebrazzjoni tal-75 Anniversarju tas-soċjetà King George V.



Ritratt tal-pedestall l-antik li kien ġie mibdul fl-1928 u li fil-present jinsab għal wiri fis-sala tal-Każin.

# TAGĦRIF FUQ IL-MUŻIKA U L-KOMPOŻITURI TAGĦHA

Din il-mużika ser tindaqq fil-Programm Strumentali li l-BANDA RE ĠORĠ V ser tesegwixxi nhar it-Tnejn, 11 ta' Awissu 1986.

## FRENCH COMEDY: KÉLER BÉLA (1820 – 1882)

Kéler Béla, jew aħjar Adelbert von Kéler kien kompożitur Ungeriż li wara li telaq l-istudji legali, ntefa' b'ruħu u b'ġismu għall-arti mużikali. Fil-fatt, insibu illi fl-1846 iddebutta mużikalment bħala vjolinista ma' l-orkestra tat-teatru 'An der Wien' ta' Vjenna u fl-istess perjodu, huwa kien qed jistudja l-kompożizzjoni ma' Schlesinger u Sechter. Għal ħafna snin, huwa okkupa l-kariga ta' direttur ma' diversi orkestri magħrufa fl-Ewropa, fosthom dawk ta' Berlin, Vjenna u Weidsbaden. Fost ix-xogħlijiet li ħarġu mill-pinna mużikali tiegħu nsibu għadd ġmielu ta' "Overtures" – fosthom il-'French Comedy' – kompożizzjonijiet għal vjolin u madwar 150 'Ballabili per pianoforte' li kienu jinkludu xi 'Valzer' u Csardas' li Giov. Brahms kien inkluda, aktar tard , fid-'Danze Ungherisi'.

## LE PROPHÉTE (The Prophet): GIACOMO MEYERBEER (1791 – 1869)

Din hi opera, f'ħames atti, tal-kompożitur b'oriġni Ġermaniża Giacomo Meyerbeer, fuq librett ta' Scribe. Ġiet esegwita għall-ewwel darba fit-teatru 'Grand Opera' ta' Pariġi, fis-16 ta' April, 1849. Xogħlijiet operistiċi u ta' valur oħra ta' dan il-kompożitur jinkludu 'Robert le Diable', 'Les Huguenots', 'Dinorah' u 'L'Africaine'. Min din l-opera, l-Banda Re Ġorġ V ser tesegwixxi l-famuż 'Coronation March' tar-raba' att.

## LA TRAVIATA (The Erring One): GIUSEPPE VERDI (1813 – 1901)

Fuq librett ta' Francesco Maria Piave, imnebbaħ minn xogħol tal-kittieb Dumas, Giuseppe Verdi kien ikkompona l-opra fi tlett atti, 'La Traviata', f'inqas minn erba' ġimgħat. Il-ġenju mużikali ta' Verdi jkompli joħroġ meta wieħed irid jiftakar illi din l-opra kkomponija fl-istess żmien li kienet qed tiġi ppreparata 'Il Trovatore', żewġ opri li b'suġġett differenti kienu jitolbu mużika totalment differenti minn xulxin. Ġiet esegwita għall-ewwel darba b'fjask kbir fit-teatru 'La Fenice' ta' Venezja, fis-6 ta' Marzu, 1853, iżda sena wara, fl-istess teatru, biha Verdi kiseb trijonf personali liema bħalu. Sal-lum, din l-opra tista' tgħid li għada waħda mill-aktar opri popolari fost ir-repertorju operistiku mondjali, l-aktar minħabba s-sempliċità u l-ħlewwa tal-melodiji li fiha. Għal din is-sena, għażilna li ndoqqu 'Grande Fantasia' minn din l-opra bis-solisti jkunu:

| | |
|---|---|
| 1st Clarinet | – Raymond Camilleri |
| 1st Trumpet | – Leonard Farrugia |
| Althorn | – Gino Farrugia |
| Euphonium | – Alfred Galea |

## AROUND THE WORLD IN 80 DAYS: VICTOR YOUNG (1900 – 1956)

Bħal kull sena, ħsibna biex ninkludu dak l-element modern fil-mużika li ser indoqqu 'Around the World in 80 Days' kien l-aħħar xogħol komplet li ħareġ mill-pinna mużikali ta' l-Amerikan Victor Young, għal film li kien iġib l-istess isem, taħt il-produzzjoni ta' Michael Todd. It-'Title Track' minn dan il-film (liriku ta' Washington) kienet għamlet suċċess kbir fl-1956 u hi inkluża fis-'Selection' li ser tesegwixxi l-banda, liema xogħol għandu arranġament bandistiku ta' Denis Wright.

**TWANNY CAMILLERI**



L-Armatura ġdida tal-Bar tal-King George V Band Club.

Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil kull min b'xi mod għin sabiex dan il-Programm jiġi stampat Speċjalment lil dawk li għoġobhom jirreklamaw u l-qarrejja nħeġġuhom jixtru l-prodotti rreklamati fil-programm.


# ST. JOSEPH WOODWORKS

by Joseph Borg & Sons



Għall-Xogħol ta' Aperturi Poġġamani tal-Kawba u Xogħol ieħor fl-Injam



Factory
204D, Industrial Estate,
Luqa.

TeL; 284238




Il-Kxif u t-tberik tal-Lapida kommemorattiva fl-okkażjoni tal-75 Anniversarju mit-Twaqqif tas-Soċjetà King George V.



Il-Kumitat tas-Soċjetà flimkien ma' l-Eċċ. Tagħha s-Sinjorina Agatha Barbara, President tar-Repubblika u Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali.

## ELLUL WOODWORK – MQABBA

GHALL KULL XORTA TA' XOGHOL TA'
APERTURI, AMARA U KOLONNI TAT-
TARAĠ BI PREZZIJIET MODERATI.

ELLUL WOODWORK
Valletta Road, Mqabba.

## SCICLUNA FLORIST

For:

- WEDDINGS
- ENGAGEMENTS;
- PARTIES, Etc.

"Loukay", St. Paul Street,
ZURRIEQ.
Tel. 829621

## JAMES GREEN
**Funeral Service & Undertaker**

IRRIKORRU:

'Green House',
ST. CATHERINE STR. — QRENDI
TEL: 827791



## IL-MIŻIEN MINI-MARKET

(MARIO GAUCI)
PEAR STR., MQABBA

Filwaqt li nixtiequ l-Festa t-tajba lill-klijenti kollha, navżaw li ma' kull Lm1 li tonfoq, tingħata 2 punti li jinbidlu ma' rigali sbieħ.

## IL-BANDA MARIA MATER GRATIAE – ZABBAR
### IT-TLIETA 12 TA' AWISSU
### SETT TA' MARĊI

| | |
|---|---|
| IL-BANDA TAL-GRAZZJA | UGO BUHAGIAR |
| GIUS-TON-FRED | A. AQUILINA |
| EL-TROCADERO | A. COLEIRO |
| RAYMOND | P. SCHEMBRI |
| LEL-JO | C. SCIBERRAS |
| L'APPASSIONATO | J. ABELA SCOLARO |
| LIS-SURMAST IL-ĠDID (UGO BUHAGIAR) | A. J. MIZZI |
| IL-FAMUŻA KOPPLA | W. ATTARD |
| IRIS | S. FABRI |
| JOS-RIT-ANT | A. FARRUGIA |
| JOSANDRE | UGO BUHAGIAR |
| IL-BANDA TAGĦNA BLUE | A. PACE |
| DIONE-FRANCE | C. TAHIR |
| KARMAR | A. COLEIRO |
| AGRIGENTO | A. COLEIRO |

UGO BUHAGIAR L. Mus. L.C.M.
Direttur

---

## IL-BANDA UNJONI – LUQA
### IL-ĦAMIS U L-ĠIMGĦA 14 U 15 TA' AWISSU
### SETT TA' MARĊI

| | |
|---|---|
| S. ANDRIJA 1985 | E. BUGEJA |
| 105th ANNIVERSARY | M. CIANTAR |
| MARIJA N-NAXXARIJA | A. AQUILINA |
| IVAN AND DAVID | E. COLE |
| VULCAN | D. DARMANIN |
| THE LADY FROM BARCELLONA | D. ABELA SCOLARO |
| DORJES | L. BONGAILAS |
| 30 TA' NOVEMBRU | CH. MIZZI |
| ĠEJJIN TA' L-AJKLA | CH. ZAMMIT |
| IL-PEDESTALL IL-ĠDID | J. ZAMMIT |
| IL-ĦABRIEKI ĠANNI PSAILA | V. BORG |
| OXFORD LUQA | J. THEUMA |

CH. ZAMMIT F.L.C.M., L.L.C.M.
Direttur

Book early for your Weddings, Baptisms, Parties, etc.

**BARON CONFECTIONERY**

at:

ZURRIEQ BRANCH
DUN ĠUŻEPP ZAMMIT STREET,
ZURRIEQ.
TEL. 826819

# FRIZOLL

MANUFACTURERS OF COMMERCIAL REFRIGERATION
BAR COUNTERS & COLD ROOMS
REFRIGERATION EQUIPMENT

**PAOLA HILL**
**PAOLA**

**FOR ESTIMATES & MAINTENANCE PHONE: 806866/824388**

**JOSEPH SCIBERRAS**

ST. JOSEPH STORE
BURAFATO STORE
FOR
BATHROOMS & TILES
BUILDING MATERIALS CEMENT & TOOLS
"My Nest" Wilga Street — Luqa TEL. 897912

# MQABBA MINI-MARKET

**(IL-MARKIS)**

St. Cathrine Str., MQABBA

Nixtiequ l-festa t-Tajba lill-klijenti kollha

## BANDA QUEEN VICTORIA – ŻURRIEQ

### IL-ĦAMIS U L-ĠIMGĦA 14 U 15 TA' AWISSU
### SETT TA' MARĊI

| | |
|---|---|
| SILVRIT | E. BUGEJA |
| STELLA D'ORO | A. FARRUGIA |
| STELLA LULIANA | E. BUGEJA |
| 40 SENA BANDIST | C. CAMILLERI |
| ST. JOSEPH | E. BUGEJA |
| WALL OF CHINA | A. FARRUGIA |
| MAGNUS | E. BUGEJA |
| SABRINA | B. BUGEJA |
| DOMINANT BLUES | T. CAMILLERI |
| JOHNCARM | E. BUGEJA |
| GEJTU | C. CAMILLERI |
| ID F'ID | E. BUGEJA |
| KARMELITANI ŻRIERAQ | A. FARRUGIA |
| CHRISTMAS HONOURS | E. BUGEJA |

### PROGRAMM MUŻIKALI

| | | |
|---|---|---|
| INNU | LIL SANTA MARIJA | G. MARTIN |
| PRELUDJU | ĠUBLEW TAL-FIDDA | E. BUGEJA |
| SINFONIJA | REĠINA VICTORIA | C. ZAMMIT |
| BALLET | FAUST | GOUNOD |
| GRAND MARCH | TANNHOUSER | WAGNER |
| INNU | MALTI | SAMMUT |

**MRO. E. BUGEJA A. Mus. L.C.M.**
Direttur




Il-faċċata tal-Każin tal-Banda King George V, Mqabba, imżejjna għall-Konkors ta' tiżjin tal-faċċati tal-Każini, fil-Festi tal-Milied 1985, u li rebħet l-ewwel premju.




**Id-diploma li ġiet ippreżentata lis-Soċjetà King George V mill-Kumitat Festi Nazzjonali flimkien ma' somma flus ta' Lm120.**

**JOE'S**

**PROFILE**

**ALUMINIUM**

3, Valletta Road,
Żurrieq.

Tel: 829601




**STYLES SALON**
**UNISEX**

95, NEW STREET, LUQA.

Tel. Res. 829816

*Specialising . . .on cuts, blow dries, colouring, perming, bleaching, and all the needs for hair and beauty care such as facials, manicure, pedicure, waxing, eye brows and make-up.*

# Install an FGP FIBREGLASS WATER TANK




## and it will last you a lifetime.

FGP manufacture

Fibreglass Water Tanks in a variety of dimensions and capacities from 55 gall: (250 litres) (2'4" Dia × 3' high) to 1000 gallons (4480 litres) (6' dia × 6' high). Other dimensions and capacities by quotation.

FGP – the name for fibreglass water tanks

FGP Limited (Fibre glass & sheet metal works)
49 Valletta Road Luqa. Tel: 624181, 625527

- ★ IT CANNOT RUST
- ★ IT WON'T CORRODE
- ★ EASY TO INSTALL
- ★ ELEGANT IN OUTLOOK

Fl-okkażżjoni tal-150 anniversarju minn mindu l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija nġiebet hawn fostna l-Imqabbin, fuq inizjattiva tal-Kumitat, ser jiżżanżan Innu Marċ għall-okkażżjoni bl-isem "Ġawhra Mqabbija", b'kliem u mużika ta' Twanny Camilleri assistent direttur tal-Banda King George V.

## ĠAWHRA MQABBIJA

O Ħelwa Marija
Omm tagħna l-Imqabbin
Ħallina nlibbsulek
Libsa bi lwien dehbin
Għax waslet il-festa
Ta' l-hekk kbir Titular
Marija l-Assunta
Titlu f'fomm żgħar u kbar

Mal-briju tal-banda
bl-armar u bl-isparar
Bil-qniepen idoqqu
U Jxandru din l-aħbar
li l-ġawhra ta' qalbna
Hawn fostna rritornat
Marija l-Assunta
Magħna mill-ġdid tinsab.

Kliem u Mużika: T. Camilleri

*For all your requirements of:*

- **TERRAZZO TILES**
- **ROOF TILES**
- **GRANITE**
- **SEMI-MARMETTONE**
- **MARMORESINA**
- **PEBBLE TILES FOR POOLSIDES**
- **FLOOR POLISHING**

plus a large selection of **CERAMIC FLOOR TILES** in different textures, colours and sizes.

***HAL MANN - The leading supplier of GRANITE and MARMORESINA for flooring, stairs, skirting and building facades.***

HAL MANN

Mosta Road, Lija.
Tel: 445678, 442923, 489308.

# EGĦLUQ IL-MIJA U ĦAMSIN SENA MILL-MIĠJA TA' L-ISTATWA TA' SANTA MARIJA FOSTNA L-IMQABBIN

Fil-Gżejjer ta' Malta u Għawdex insibu għaxar Parroċċi li jiċċelebraw il-Festa ta' Santa Marija u dawn kollha għandhom il-vara ta' l-Assunta li kollha inħadmu matul il-perjodu ta' żmien. Għalhekk ħsibna sabiex ngħatukom is-sena ta' meta inħadmu l-istatwi u min ħadimhom. Hawn ta' min isemmi ukoll li l-Istatwa ta' Santa Marija ta' l-Imqabba inħadmet it-tielet waħda.



**GUDJA**
1807 Vincenzu Dimech
Ta' L-Injam



**GĦAXAQ**
1808 Marjanu Gerada
Ta' L-Injam



**QRENDI**
1840 Antonio Chircop
Ta' L-Injam



**DINGLI**
1861 Anton Busuttil
Ta' L-Injam



**ŻEBBUĠ GĦAWDEX**
1863 Marsilja
Kompożizzjoni



**MOSTA**
1868 Salvatore Dimech
Ta' L-Injam



**ATTARD**
1874 Pariġi Franza
Kina



**KATIDRAL GĦAWDEX**
1897 Ruma
Kompożizzjoni



**MĠARR**
1922 Marsilja
Kartapesta



**MQABBA**
1836 Xandru Farrugia
Ta' L-Injam

# JOHN JANE HALL

Dr. Nichola Zammit Str., Siġġiewi

L-isbaħ sala spazjuża u moderna li hemm ġos-Siġġiewi

għat-Tiġijiet, Parties, etc.

Kif ukoll kiri ta' siġġijiet.

**Tel: 605548**

# JOSEPH FERRIGGI

**SUPPLIER OF:**

- **SISAL ROPES (TAL-PONT)**
- **NYLON ROPES & TWINES**
- **MARINE TERELYNE ROPES**
- **HEMP ROPES**
- **HEMP TWINES (Spag tan-Nar)**
- **COTTON TWINES (Tan-Niċċa)**
- **BROWN BRAIDED (Tal-Konzijiet)**
- **MACRAME TWINES**
- **CORD BRAIDED (Blinds)**
- **PACKING TWINES**
- **JUTE TWINES Etc........**

**68B ST. CATHERINE STREET, ŻEJTUN.**
**'ST CATHERINE' or**
**JOHN BORG STREET, ŻEJTUN**
**TEL: 878439**

# TOPSALE

27, Misraħ ir-Repubblika, Zurrieq
Issibu Rigali Sbieħ għal kull
membru tal-familja
Ejjew araw b'għajnejkom.

# TOPSALE

Triq Dun Ġużepp Zammit, Zurrieq
L-aqwa ħanut fid-distrett
għal affarijiet tas-Sajf
Maskri – Flippers – Lilo's etc.
Tel: 828745 - 827515

M&F ALUMINIUM

Manufacturers Of:
ALUMINIUM DOORS
WINDOWS
GATES
STAIRS
AND OTHER
DESIGNED WORK

St. Marija Garages
(A&B) Zurrieq Rd, Imqabba

Kif ukoll Balavostri tal-Ġebel u Suffetti tal-Plastic

**Sta. Marija Garages**

**(A & B) Żurrieq Rd., Imqabba**

**XTRAJT
CASSETTE
B'SETT
TA' MARĊI BRIJUŻI
TAL-BANDA
KING GEORGE V
MQABBA**

KING GEORGE V.B.CLUB
MQABBA - 1910

MARĊI BRIJUŻI

1910 — 1985

mangion brothers żurrieq LTD.



BUILDING CONSTRUCTION,
CONCRETE MIX & CRANE HIRE

Valletta Road, 15, Mill Street, Żurrieq. Tel. 829590



## MALLIA PETROL STATION

**PJAZZA SAN NIKOLA, SIĠĠIEWI**

**DIAL: 605504**

Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla sa' għand **Mallia Petrol Station** fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.
Kif ukoll:

- Silencers għal karozzi kollha
- Crash Helmets kbar u żgħar
- Kull kwalità ta' żjut
- Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
- Għodod
- Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
- Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalità tajba
- Għandek issib ukoll muturi u karozzi għal bejgħ.

# TISLIMA LILL-BANDISTI ĠODDA

Din is-sena, b'entusjażmu u kuraġġ kbir is-Sur Leonard Farrugia, is-Sur Anthony Camilleri u s-Sur John Galea, taħt it-tmexxija għaqlija tal-maħbub surmast tagħna, Chev. George Martin A.Mus., L.C.M., O.S.T.J. tħabtu kemm felħu sabiex din is-sena, fl-okkażjoni tal-150 sena mill-miġja ta' l-Istatwa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba, jirregalaw ħames bandisti ġodda lill-Banda tagħna. Is-soċjetà tapprezza ħafna x-xogħol li sar u j'Alla żgħażagħ oħrajn jitħajru jitgħallmu strument tal-banda għaliex barra milli hija xi ħaġa kulturali, tgħin sabiex il-Festa ta' Santa Marija tkompli tikber.



BIL-WIEQFA: (Mix-xellug għal-lemin): Kevin Camilleri (Sax Horn), Vincent Mifsud (Trumpet) u Mario Mifsud (Sax Tenore).
BIL-QIEGĦDA: Patricia Pace (klarinett), Anthony Camilleri, Assistent Surmast, Chev. George Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J., Angelique Zammit (Klarinett)


# TAL-BOQRI

Paul Muscat 674501 Joe Muscat 676295



**XOGHOL TAL-INVJAR FIL-GEBEL**

**Concrete Mixer ghal kiri.**

'Fel-Pol' Victory Street, Rabat.





EWT
EURO WOOD TURNER

**Għall-aqwa xogħol bir-raċċ, ta' Ballavostri u Poġġamani**

*Irrikorru*

SIĠĠIEWI STREET,
ŻEBBUĠ - MALTA
Tel: 641493

# PROGRAMM
# DETTALJAT TA' LOGĦOB TAN-NAR
# TA' L-ART U TA' L-AJRU



L-Anzjani tal-1930 bil-logħob tan-nar.

**L-ERBGĦA, 30 TA' LULJU – FTUĦ TAL-KWINDIĊINA**
7.30 p.m. Mal-wasla ta' l-istatwa ta' Santa Marija mill-Imdina jkun hemm ħruq ta' Salut, Musketterija, Kaxxa Nfernali u Murtaletti. 11.00 p.m. Ħruq ta' Logħob tan-Nar ta' l-Art.

**IS-SIBT, 9 TA' AWISSU – ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**
7.30 p.m. Ħruq ta' Salut, Musketterija, Kaxxa Infernali, Murtaletti u Murtali tal-kulur.
11.00 p.m. Ħruq ta' Logħob tan-Nar ta' l-Art quddiem il-każin.

**IL-ĦADD, 10 TA' AWISSU – KXIF TA' LAPIDA**
9.30 p.m. Ħruq ta' Musketterija u Kaxxa Nfernali.

**IT-TNEJN 11 TA' AWISSU – L-EWWEL TRIDU**
10.00 p.m. Ħruq ta' Musketterija, Murtali, Murtaletti u Murtali tal-Kulur.

**IT-TLIETA 12 TA' AWISSU – IT-TIENI TRIDU**
10.00 p.m. Ħruq ta' Musketterija, Murtali, Murtaletti u Murtali tal-Kulur.

**L-ERBGĦA 13 TA' AWISSU – L-AĦĦAR TRIDU**
10.00 p.m. Ħruq ta' Musketterija, Murtaletti, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.
11.00 p.m. Ħruq ta' Logħob tan-Nar ta' l-Art.

**IL-ĦAMIS, 14 TA' AWISSU – LEJLIET IL-FESTA**
9.00 a.m. Daqq tat-Te Deum. Ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Nfernali u Murtaletti.
6.30 p.m. Translazzjoni. Ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Nfernali, Murtaletti u Murtali bil-logħob.
10.00 p.m. Ħruq ta' Salut, Murtali tal-Beraq Pront u Murtali tal-kulur. Kaxxa tal-Kulur.
11.00 p.m. Wirja kbira ta' logħob tan-Nar ta' l-Art mekkanizzat u artistiku.

**IL-ĠIMGĦA, 15 TA' AWISSU – JUM IL-FESTA**
12.00 a.m. Ħruq ta' Murtali u Murtaletti.
7.30 p.m. Mal-ħruġ ta' l-Istatwa jiġu sparati Salut u Kaxxa nfernali, Murtaletti, Murtali bil-logħob, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur. Mad-dħul ta' l-Istatwa tiġi sparata Kaxxa tal-Kulur.

N.B.: In-Nar kollu, sew ta' l-art kif ukoll ta' l-Ajru huwa xogħol tad-dilettanti tas-Soċjetà SANTA MARIJA. Il- Kumitat u l-partitarji kollha jirringrazzjawhom tas-sagrifiċċji li għamlu matul is-sena sabiex jipprovdu l-ispettaklu.

# CAMILLERI MARBLES

## *XOGĦOL TA' IRĦAM, GRANIT U REZIN*

*Turġien, Pavimenti, Faċċati, Fireplaces, Monumenti, Skirting, etc.*

GĦAL KWALITÀ TA' XOGĦOL BI PREZZIJIET MODERATI,



IRRIKORRU:
CAMILLERI MARBLES LTD.
Matteo Saliba Street, Żurrieq.
Ħin: 7.00 a.m. - 6.30 p.m. Tel: 827841



# KINGFISHER

Bar & Restaurant



Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq – Malta

Tel. 827908

# SETT TA' BANDALORI ĠODDA

Din is-sena l-Kumitat beda l-ħidma sabiex Sett ta' Bandalori jkunu jistgħu jsiru fl-iqsar żmien possibli. Dawn ser jintramaw fil-Pjazza tal-Knisja. Tnejn mis-Sett nisperaw li jkunu lesti wkoll bil-Pittura sal-Festa tal-Patruna Tagħna. Id-disinn huwa tas-Sur Joe Saliba mill-Birgu. Ix-xogħol tal-ħjata huwa fdat f'idejn is-Sur Joseph Gauci tal-Kalkara filwaqt li l-pittura ġiet fdata f'idejn il-Pittur Joseph Caruana minn Santa Luċija. Dawn il-Bandalori ser ikunu opra tassew sabiħa oħra li flimkien ma' l-armar tal-pjazza jkomplu jsebħu u jagħtu dehera sabiħa fil-ġranet tal-Festa ta' Santa Marija.




IŻ-ŻUŻŻA

SNACK BAR

(Prop. Jos. Mifsud)

Lunches, Take away, Drinks
CATERERS FOR RECEPTIONS

Pretty Bay, B'Bugia

Tel: 828591

# Innu Marc lil Marija Assunta

F'dan il-jum għażiż għalina
Aħna nkantaw u niċċelebraw
Lilek Maria
Min qalbna lkoll nitolbuk
Li fis-sema niġu ngawduk
Ommna Maria, Ommna Maria
Li min din l-art int irxuxtajt
U li fis-sema tlajt
Ma l-Anġli triumfajt
Fil-ġenna tlajt.

Sabiħa Maria
Omm ħanina aħna nħobbuk
Lilek f'dil ġurnata,
Min qiegħ qalbna aħna nitolbuk
Is-sliem int għatina
Xerred grazzi fuqna l-midinbin
Int kull tama
Li aħna għandna fiduċja fik.

Omm sabiħa, Omm ħanina
Aħna lilek inqimuk
Harstek fittex ixħet fuqna
Aħna lilek inħobbuk
O Maria, O Maria
Min qalbna aħna lkoll infaħħruk
O Maria, O Maria
Min qalbna aħna nqimuk.

Leonard Farrugia




BONNICI'S PRESS 36, St. Paul Str., Valletta. Tel.224607